MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 774/2014

**Vodafone Malta Limited**
**Vs**

**Josephine BORG**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-26 ta' Novembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf hames mija u sitt euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€1506.59c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-intimata ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf, hames mija u sitt Ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,506.59) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-

kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikonti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. VF 1 – Dok. VF 3.

Illi minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hi baqghet inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din it-talba, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimata illi hi, minn issa, ngunta ghas-subizzjoni taghha".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fit-2 ta' Dicembru, 2014 u dan skond ma jirrizulta minn tergo ta' fol. 9 u li la ppreżentat risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' l-Avukat Dottor Andre Portelli li kkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ra li Dr. Andre Portelli iddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta’ elf hames mija u sitt euro u disgha u hamsin centezmi ta’ euro [€1506.59c] u dan ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti.

Ikkunsidra;

2. Illi Dr. Andre Portelli kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ elf hames mija u sitt euro u disgha u hamsin centezmi ta’ euro [€1506.59c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata fit-2 ta' Dicembru, 2014 u dan skond ma jirrizulta minn tergo ta' fol. 9 u li la ppreżentat risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf hames mija u sitt euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€1506.59c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------